MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 1128/2009/1

**Comino Holdings Limited (C-3831)**

**v.**

**Kemmuna Limited (C-15344) gia` Onimco Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Dan hu appell minn digriet moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Marzu, 2011 li permezz tieghu l-kawza hawn fuq imsemmija giet dikjarata dezerta. Id-digriet jghid hekk:

"1. Dan il-provvediment huwa dwar deżerzjoni ta' kawża. Il-fatti relevanti seħħew hekk:

"2. Ir-rikors maħluf ġie preżentat fit-18 ta' Novembru 2009. B'dikriet tas-17 ta' Diċembru 2009[1] il-qorti ordnat lis-soċjetà attriċi tippreżenta xi dokumenti u ordnat ukoll illi, wara li jinġiebu dawk id-dokumenti, l-atti jiġu notifikati lill-konvenuta. Billi sat-23 ta' Frar 2010[2] l-attriċi kienet għadha ma għamlet xejn, il-qorti b'dikriet ta' dakinhar stidnitha biex, jekk għandha interess fil-kawża, timxi minnufih kif ried l-ewwel dikriet.

"3. L-attriċi ippreżentat id-dokumenti fil-11 ta' Marzu 2010 iżda ma innotifikatx lill-konvenuta. Billi sat-8 ta' Ottubru 2010 in-notifika tar-rikors maħluf kienet għadha ma saritx, il-qorti b'dikriet mogħti dakinhar[3] għall-għanijiet tal-art. 963(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili stiednet lill-attriċi tieħu ħsieb li ssir in-notifika. Sal-20 ta' Jannar 2011 in-notifika kienet għadha ma saritx – u, minħabba f'hekk, il-proċedura bil-miktub għadha ma ngħalqitx – u għalhekk b'dikriet mogħti dikinhar[4] il-qorti ordnat illi l-kawża titqiegħed fuq il-lista tad-9 ta' Frar 2011 sabiex jingħata dikriet ta' deżerzjoni.

"4. B'rikors tal-1 ta' Frar 2011[5] is-soċjetà attriċi talbet illi flok dikriet ta' deżerzjoni tingħata ordni biex issir notifika lill-konvenuta.

"5. L-art. 963(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jrid illi, jekk ikun għadda ż-żmien perentorju ta' sitt xhur mill-preżentata tar-rikors maħluf bla ma tkun ingħalqet il-proċedura bil-miktub tal-kawża, il-qorti għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f 'xi nuqqas ta' notifika.

1 *Fol.* 24.

2 *Fol.* 25.

3 *Fol.* 335.

4 *Fol.* 337,

5 *Fol.* 340.

"6. L-ordni li trid il-liġi ngħata bid-dikriet tat-8 ta' Ottubru 2001 [recet: 2011] u, billi l-liġi trid illi jingħata darba waħda biss, ma jistax jingħata għal darba oħra.

"7. Billi l-proċeduri bil-miktub għadhom ma ngħalqux fiż-żmien perentorju li trid il-liġi, il-qorti tiddikjara d-deżerzjoni tal-kawża."

**L-appell tas-socjeta` rikorrenti.**

Is-socjeta` rikorrenti hassitha aggravata bid-digriet hawn fuq riprodott u b'rikors intavolat fl-10 ta' Marzu, 2011 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka d-digriet fuq imsemmi u terga' tirrimetti l-atti quddiem l-Qorti ta' prim istanza sabiex il-kawza tigi appuntata u jinghata zmien sabiex in-notifika ssir lill-konvenut.

Is-socjeta` intimata pprezentat risposta ghar-rikors fuq imsemmi fejn talbet li ghar-ragunijiet hemm moghtija l-appell tas-socjeta` rikorrenti jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellanti prevja konferma tad-digriet dwar dezerzjoni moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Marzu, 2011.

**Il-fatti**.

a) is-socjeta` rikorrenti pprezentat rikors guramentat fit-18 ta' Novembru, 2009.

b) B'digriet tas-17 ta' Dicembru, 2009 l-ewwel Qorti ordnat lis-socjeta` rikorrenti sabiex:

i. issemmi b'isimhom u mhux b'referenza generika x-xhieda li trid tressaq u tfisser il-prova li trid taghmel b'kull wiehed minnhom;

ii. tissostitwixxi d-dokumenti minnha esebiti b'kopji awtentikati kif trid il-ligi;

iii. tikseb u tipprezenta taghrif dwar socjeta` li tissemma fir-rikors promotur u li kienet giet xjolta;

iv. tezebixxi dokumenti ohra jew issemmihom dettaljatament u tghid f'idejn minn jinsabu;
Bl-istess digriet il-Qorti ordnat ukoll illi, wara li l-attrici tkun ghamlet dak imsemmi fuq, l-atti kollha, flimkien ma' kopja tad-dokumenti kollha fil-process, ikunu notifikati lill-konvenuta li ghandha twiegeb fil-forma u fiz-zmien li trid il-ligi.

Dan id-digriet kellu jigi notifikat lill-avukat tas-socjeta` attrici.

c) B'digriet iehor tat-23 ta' Frar, 2010 wara li l-Qorti osservat li s-socjeta` attrici baqghet sallum ma mxietx kif irid id-digriet tas-17 ta' Dicembru 2009, stiednet lis-socjeta` attrici tghid ghadx ghandha interess fil-kawza u f'dak il-kaz ordnatilha li timxi minnufih kif irid l-imsemmi digriet.

d) Jidher li dan l-ahhar digriet kellu l-effett tieghu billi fil-11 ta' Marzu, 2010 is-socjeta` attrici pprezentat zewg noti, l-ewwel wahda fejn ottemperat ruhha mal-ordni dwar ix-xhieda, mentri bit-tieni wahda ottemperat ruhha mal-ordnijiet l-ohra kontenuti fid-digriet fuq imsemmi. Dawn in-noti gew debitament notifikati lill-kontro-parti fil-15 ta' Marzu, 2010 kif jidher mir-riferti a fol. 333 u 334 tergo.

e) Fit-8 ta' Ottubru, 2010 il-Qorti, wara li regghet osservat li l-atti u d-dokumenti fil-process baqghu ma gewx notifikati lill-parti l-ohra ordnat li "*Ghal dak li jghid l-Art. 963(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili …. Ghal ahhar darba tistieden lill-attrici tghid ghadx ghandha interess fil-kawza u, f'dak il-kaz, tiehu hsieb minnufih li ssir in-notifika.*"

f) Fit-18 ta' Jannar 2011 Dr. Noella Azzopardi Grima, wahda mill-avukati li kienet qed tippatrocina lis-socjeta` attrici (jinghad hekk billi r-rikors promotur kien iffirmat wkoll minn Dr. Hugh Peralta) ipprezentat nota li

permezz taghha ddikjarat li kienet qed tirrinunzja ghall-patrocinju ta' Comino Holdings Limited.

g) Fl-20 ta' Jannar, 2011, wara li l-Qorti osservat li, minkejja d-digrieti tas-17 ta' Dicembru, 2009 u dak tat-8 ta' Ottubru, 2010 il-proceduri bil-miktub "*ghadhom ma nghalqux*" billi s-socjeta` konvenuta ma kienitx ghadha notifikata bir-rikors mahluf, u wara li rat l-Artikolu 963 tal-Kap. 12, ordnat illi l-kawza titqieghed fuq il-lista ta' nhar l-Erbgha 9 ta' Frar 2011 fid-9.00 a.m. sabiex jinghata digriet ta' dezerzjoni.

h) Fl-1 ta' Frar 2011 is-socjeta` attrici intavolat rikors fejn talbet li l-kawza ma ghandhiex tigi dikjarata dezerta izda jkun hemm ordni sabiex din tigi innotifikata lill-konvenut permezz ta' ufficjal tal-istess Qorti liema talba kienet qed issir in vista tad-digriet tal-20 ta' Jannar, 2011 u billi l-istess socjeta` dejjem ottemperat ruhha mad-direttivi tal-Qorti u anke peress li mal-prezentata tar-rikors promotur hija kienet hallset ghan-notifika tas-socjeta` intimata.

i) Fl-udjenza tad-9 ta' Frar, 2011 il-Qorti ma ppronunzjatx ruhha fuq id-dezerzjoni kif kien prospettat, biss ordnat in-notifika lill-kontro-parti u ddifferiet il-kawza ghat-trattazzjoni fuq ir-rikors u provvediment relattiv.

j) Il-kontro-parti pprezentat risposta u finalment inghata provvediment fl-udjenza tal-4 ta' Marzu, 2011, liema provvediment qed jigi kontestat b'dan l-appell.

Din il-kronologija tal-fatti giet hawn riprodotta biex il-Qorti turi n-nuqqas serju da parti tas-socjeta` attrici li, ripetutament, naqset tiehu hsieb in-notifika tal-kontro-parti. Huwa proprju dan in-nuqqas li, kif jinghad fis-sentenza **Distinct Conversions Ltd v. Joseph Fasanelli et** moghtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 2003, fejn intqal li *"…. l-istitut tad-dezerzjoni huwa mahsub biex jippenalizza lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qieghed jmexxi bil-ghaqal il-procedura mibdija minnu ….*"

**L-aggravji tas-socjeta` appellanti.**

Minn qari tar-rikors ta’ appell jidher li s-socjeta` rikorrenti appellanti ressqet tlett aggravji kontra s-sentenza jew provvediment imsemmi billi qed jigi sottomess illi:

a) kuntrarjament ghal dak li jigri solitament l-ordni sabiex il-konvenut jigi notifikat bil-kawza saret fis-17 ta’ Dicembru 2009 u mhux wara (ossia immedjatament) li tigi pprezentata l-kawza.

b) kien obbligu tal-Marixxal tal-Qorti li jinnotifika lill-prokuratur legali illi n-notifika ma saritx; u

c) jezistu cirkostanzi tali li ma ppermettewx li ssir in-notifika tar-rikors guramentat.

**Ikkunsidrat:**

L-appellant qieghed jilmenta li l-ordni biex il-konvenut jigi notifikat saret zmien wara l-prezentata tal-att promotur. Din il-Qorti ma tara ebda relevanza ta’ din is-sottomissjoni ma’ l-obbligu impost fuq il-Qorti a tenur tal-Artikolu 963 tal-Kap. 12. Infatti jirrizulta li l-ewwel Qorti, b’digriet tas-17 ta’ Dicembru, 2009 mhux biss ordnat lis-socjeta` attrici li tipprezenta xi dokumenti u informazzjoni ohra, talli ordnatilha tiehu hsieb in-notifika tal-kontro-parti. Bejn din id-data u d-data meta l-kawza giet dikjarata dezerta cioe` fl-4 ta’ Marzu, 2011, ghaddew ferm izjed mis-sitt xhur kontemplati fl-Artikolu 963 biex jinghalqu l-proceduri bil-miktub. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**Ikkunsidrat.**

Fit-tieni lok is-socjeta` appellanti tilmenta mill-fatt li l-Marixxal tal-Qorti li jiehu hsieb in-notifiki ma infurmahiex li din in-notifika ma kienitx saret. Issa apparti l-fatt li l-att promotur qatt ma wasal f’idejn l-ufficjal inkarigat minn notifiki u dan billi s-socjeta` attrici, ghalkemm infurmata mill-Qorti f’diversi okkazzjonijiet dwar dan in-nuqqas, qatt ma hadet hsieb tmexxi l-atti, jirrizulta li skont l-Artikolu 188 tal-Kap. 12 l-ufficjal inkarigat ma ghandu ebda obbligu li jgharraf lill-parti li tkun ipprezentat l-att bin-nuqqas ta’

notifika, izda l-obbligu tieghu huwa limitat ghal inserzjoni , fl-atti tal-kawza, ta' "riferta" li turi jekk in-nota saritx jew le. Dan l-aggravju ghalhekk ukoll mhux gustifikat.

**Ikkunsidrat.**

Fl-ahharnett is-socjeta` appellanti tissottometti li ma ghandhiex tigi penalizzata bid-dezerzjoni billi kien hemm fatturi li ghamluha impossibbli ghaliha li tottempera ruhha mal-ligi. Dan il-fattur, ghax fil-verita` huwa fattur wiehed li jissemma, hija t-tqala tal-avukat difensur tas-socjeta` attrici. Din il-Qorti tissimpatizza mal-istat interessanti ta' Dr. Grima fi zmien qabel id-digriet tad-dezerzjoni, biss tosserva li ghalkemm fir-rikors tal-appell Dottoressa Noella Azzopardi Grima tissemma bhala l-avukat tas-socjeta` attrici, ir-rikors promotur kien iffirmat ukoll minn Dr. Hugh Peralta li certament ma kellux xi impediment bhal dak ta' Dr. Grima, u kien daqstant obbligat li jiehu hsieb li l-att promotur jigi notifikat lill-kontro-parti. Inoltre, jigi osservat ukoll li meta kien hemm htiega ta' notifika lill-kontro parti ta' xi dokumenti u noti, din saret minkejja t-tqala ta' Dr. Grima. Finalment jinghad li Dr. Grima irrinunzjat il-patrocinju tas-socjeta` attrici cirka xahar u nofs qabel ma nghata d-digriet ta' deserzjoni u xorta ma sar xejn. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` attirici qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------